**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**(SEDE KOSTITUZZJONALI)**
**ONOR IMHALLEF TONIO MALLIA**

**Illum, 12 ta' Frar, 2016**

**Kawza Numru:**

**Rikors Kostituzzjonali Numru: 62/2010 TM**

**Paul u Alexandra konjugi Piscopo**

**vs**

**Onorevoli Prim Ministru**
**Avukat Generali**
**Kontrollur tad-Dwana li fil-verbal tas-seduta tal-21 ta' Gunju 2013, il-Qorti ordnat li flok il-kliem "Kontrollur tad-Dwana", jidhlu l-kliem "Direttur Generali (Dwana)"**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li r-rikorrenti konjugi Piscopo ipprezentaw fil-25 ta' Ottubru, 2010 u li jaqra hekk:

Illi r-rikorrent jinsab ghaddej proceduri akkuzat inter alia taht il-Kapitlu 37 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-intimat Kontrollur tad-Dwana deherlu li kellu johrog seizure note li bih qabad il-bastiment Alexandra 1 numru 2008 proprjetà tar-rikorrent.

Illi però r-rikorrenti inizzjaw proceduri civili idonei entro t-termini previsti skond id-dispost tal-artiklu 72 tal-Kap. 37 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Illi l-intimat Kontrollur tad-Dwana inizzja proceduri tas-subasta fuq il-bastiment imsemmi fit-termini tal-artiklu 72(4) tal-Kap. 37 tal-Ligijiet ta’ Malta. Kif intqal m’hemmx ezitu definittiv dwar il-proceduri gudizzjarji li jinsabu ghaddejja.

Illi indubbjament, jekk il-bastiment jinbiegh, dan se jirreka pregudizzju rreparabbli lir-rikorrenti li se jsofru telf fil-patrimonju taghhom minghajr kumpens xieraq u minghajr m’hemm xi sentenza xierqa fil-konfront taghhom.

Illi indubbjament, l-artiklu 72(4) tal-Kap. 37 tal-Ligijiet ta’ Malta, huwa leziv tad-drittijiet fundamentali u Kostituzzjonali tar-rikorrenti u senjatament huwa ultra vires mal-artiklu 37 tal-Kostituzzjoni u l-artiklu 1 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

**Ghaldaqstant, l-esponenti umilment u bir-rispett jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:**

Tipprevja li tiddikjara li l-artiklu 72(4) tal-Kap. 37 tal-Ligijiet ta’ Malta huwa leziv tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem stante li mhux kompatibbli mal-artiklu 37 tal-Kostituzzjoni u artiklu 1 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, twaqqaf il-bejgh tal-vapur fuq indikat u taghti kwalsiasi provvediment iehor li jidhrilha opportun sabiex jigi sanciti d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti.

Rat ir-risposta tal-Onorevoli Prim Ministru, l-Avukat Generali u tal-allura Kontrollur tad-Dwana li in forza taghha eccepew illi:

Fl-ewwel lok l-Artikolu 72(4) tal-Kap. 37 lanqas biss jittratta dwar procedura bis-subbasta u ghalhekk ghal din ir-raguni ma jistax ikun qed jikkawza l-lezjoni allegata mir-rikorrenti.

Fit-tieni lok, u sabiex ma jinheliex hin, l-esponenti qeghdin ukoll jirribattu l-allegazzjoni tar-rikorrenti jekk intiza in konnessjoni mal-artikolu 72(3) tal-istess Kap 37, fejn fil-fatt tissemma subbasta. Qeghdin ghalhekk jissollevaw bhala eccezzjoni preliminari l-fatt li r-rikorrenti naqsu li jutilizzaw ir-rimedju ordinarju konsistenti f'kawza amministrattiva ai termini tal-artikolu 469A tal-Kap. 12 sabex id-decizjoni mittiehda mill-esponent Kontrollur li jghaddi ghall-bejgh tal-proprjetà tar-rikorrenti tigi iddikjarata invalida.

Inoltre, l-esponenti jirritjenu li t-tehid tal-proprjetà tar-rikorrent sar proprju ghall-iskopijiet imsemmija fl-Artikolu 1 bhala permissibbli li jsiru mill-Istati Membri, u ghalhekk ma tissussisti ebda lezjoni fil-konfronti tar-rikorrenti. Dan stante illi,

a) Ghalkemm l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea jittutela d-dritt ta' kull bniedem ghall-proprjetà tieghu, it-tieni artikolu jeskludi kazijiet fejn it-tehid ta' proprjetà ikun sar fl-ezercitar tad-"…dritt ta' Stat li jwettaq dawk il-ligijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla l-uzu tal-proprjetà skond l-interess generali jew biex jizgura l-hlas ta' taxxi jew kontribuzzjonijiet ohra jew pieni.", u

b) Is-subinciz (2) tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta jipprovdi illi:

   (2) Ebda haga f'dan l-artikolu ma ghandha tinftiehem li tolqot l-eghmil jew hdim ta' xi ligi safejn tipprovdi ghat-tehid ta' pussess jew akkwist ta' proprjetà –
   (a) bi hlas ta' xi taxxa, rata jew drittijiet;
   (b) bhala penali ghal, jew bhala konsegwenza ta', ksur tal-ligi, sew jekk bi proceduri civili jew wara dikjarazzjoni ta' htija ta' reat kriminali;
   (c) wara l-attentat ta' tnehhija tal-proprjetà barra minn jew gewwa Malta bi ksur ta' xi ligi;

Finalment, l-esponenti josservaw illi huwa interessanti l-fatt li ghalkemm ir-rikorrenti jridu jimpunjaw artikolu tal-ligi li gie applikat b'success kemm-il darba fil-Qrati taghna kontra persuni f'cirkostanzi simili ghal taghhom, inkluz sahansitra fil-Qorti tal-Appell, imkien m'huma qeghdin jghidu li huma m'humiex hatja kriminalment jew sahansitra m'humiex responsabbli civilment ghas-sejba tal-fuel fil-bastiment taghhom.

Ghaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti toghgobha tirrespingi r-rikors odjern u tichad it-talbiet fih kontenuti bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

Semghet il-provi li ressqu l-partijiet.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti.

Rat li din il-kawza ghamlet zmien tistenna l-ezitu ta' kawza pendenti quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili, fl-ismijiet "Paul Piscoopo vs Kontrollur tad-Dwana", rikors numru 1061/09.

Semghet lid-difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

Illi f'din il-kawza r-rikorrenti qed jallega illi l-proceduri li nieda l-intimat Direttur Generali (Dwana) ghall-bejgh tad-dghajsa tieghu l-MFV "Alexandra 1", wara li din inqabdet mill-awtoritajiet kompetenti li kienet qed igorr *fuel duty-free* bi ksur ta' ligi, jiksru d-drittijiet fundamentali tieghu, peress illi hu kien qed jikkontesta s-*seizure note* li bih inqabdet id-dghajsa.

Il-procedura li sehhet wara l-qabda tal-vapur kienet wahda legali, fit-termini tal-Ordinanza tad-Dwana (Kap. 37 tal-Ligijiet ta' Malta), izda r-rikorrenti jghid illi darba huwa kien qieghed jikkontesta l-qbid, fit-termini wkoll tal-istess ligi, ma jistghu jittiehdu ebda proceduri ezekuttivi fil-konfront tal-istess dghajsa.

Din il-Qorti, bi qbil mad-difensuri tal-partijiet, stenniet l-ezitu tal-procedura civili *in rem* li r-rikorrenti ghamel ghar-rilaxx tal-

vapur. Din il-procedura bdiet fl-2009, bil-kawza titwal anke ghaliex kien hemm zmien li l-process quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili jkun "mitluf"; din il-kawza giet issa deciza mill-imsemmija Qorti fl-1 ta' Dicembru, 2015. B'din is-sentenza, dik il-Qorti cahdet talba tar-rikorrent ghar-rilaxx tal-oggetti konfiskati, wara li sabet li d-diesel kien qed jigi kuntrabandat bil-lejl u ma thallasx id-dazju fuqu. Il-kontestazzjoni li ressaq ir-rikorrent kontra s-*seizure note* giet, ghalhekk, michuda.

Apparti dan, din il-Qorti ma tarax li l-procedura tal-bejgh tal-vapur ikkonfiskat kien ikun ta pregudizzju ghalih. Kieku r-rikorrent jinghata ragun fl-allegazzjoni tieghu, u l-vapur ikun inbiegh, kien ikollu d-dritt jircievi danni ekwivalenti ta kemm jiswa l-istess vapur. Dan il-valur ikun jista' jigi kkawtelat bil-hrug ta' mandat ta' deskrizzjoni u talba biex l-istess vapur jigi stmat minn persuna teknika. Kwindi, jekk il-vapur jinbiegh, ma jigi irrekat ebda pregudizzju rreparabbli lir-rikorrenti, ghax anke jekk jinghataw ragun fil-meritu, il-patrimonju taghhom ma jigix mittiefes.

Hu veru li l-ewwel paragrafu tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem jipprotegi d-dritt ta' proprjetà, però, l-istat ghandu u jibqalu d-dritt li jagixxi biex jassigura l-hlas tal-erarju, u l-konfiska tad-dghajsa involuta f'kuntrabandu hija wahda mill-mizuri li l-ligi tippermetti f'kaz ta' allegazzjoni simili. Kif inghad, f'kaz li jirrizulta li l-awtorità kompetenti tkun agixxiet b'abbuz, ikun hemm lok ghad-danni biex ir-rikorrenti jigu reintegrati fil-patrocinju taghhom. Ir-rikorrenti setghu ukoll jakkwistaw ir-rilaxx immedjat tal-vapur bil-hrug ta' garanzija bankarja, b'mod li jkunu jistghu, b'hekk, izommu l-pussess u jkomplu jaghmlu uzu tal-vapur liberament.

Il-fatt, allura, li skont il-ligi, l-intimat Direttur Generali (Dwana) jista' jipprovdi biex jiddisponi mill-vapur, anke meta u waqt tkun qed issir kontestazzjoni tas-*seizure note* relattiva, ma jiksirx id-dritt fundamentali ghat-tgawdija tal-proprjetà, u dan peress li, kif inghad, hemm possibilità ta' restituzzjoni *in integrum*, inkluz, f'kazijiet kongruwi, ghat-telf ta' qliegh minhabba li jkun gie mcahhad mill-uzu tal-istess. Zgur, almenu f'dan l-istadju, ma jistax jinghad li r-rikorrenti gew

mcahhda mill-gvern mill-proprjetà taghhom minghajr gustifikazzjoni u mhux b'agir ragonevoli fl-interess nazzjonali.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mir-rikors tar-rikorrenti billi tichad it-talbiet kollha kemm kontenuti, bl-ispejjez kollha jithallsu in solidum mill-istess rikorrenti.

IMHALLEF

DEP/REG